Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-55 (ħamsa u ħamsin) Laqgħa li kienet laqħa ta' Urġenza tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru 2011 fis-Sala tal-Komunita.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

L-Aġent Segretarju Ezekuttiv is-sur Joseph Xiberras

Il-laqgħa bdiet b'talba fit-8.10a.m.

Is-Sindku li ppresieda din il-laqgħa t'urġenza għadda għall-uniku materja fuq l-aġenda li kienet tittratta dwar il-kontijiet pendenti (ara ċ-ċedola tal-pagamenti) li kien għad iridu jiġu approvati biex jitħallsu qabel issir it-talba għal ħlasijiet dwar il-proġetti li huma ffinanzjati minn Eko-Għawdex. Dawn huma pagament dwar it-Twaħħil ta' Fanali Dekorattivi *Energy Efficient* li twaħħlu f' toroq Qalb ta' Ġesu', f'parti minn Triq il-Għajn u fi Pjazza l-Għejjun mis-Sur Chris Gauci, kif ukoll il-pagament ta' tnax il-*isolator* lil Electrical Supply and Services. Kif ġew infurmati l-Kunsilliera, ġie rrivedut il-ħlas tat-twaħħil tal-fanali li kellu jsir mis-Sur Chris Gauci, dan peress li ser jintuża' ħaddiem tal-Kunsill bħala għajnuna miegħu. B'hekk il-ħlas ġie mnaqqas minn €50 il-wieħed għal €40 il-wieħed.

Is-Sindku qal ukoll li l-pagamenti lil Richard Cauchi wara konsultazzjoni mall-kunsilliera kellhom jitħallsu qabel jinxtelu l-fanali kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti peress li kopja tal-*fiscal receipt* mingħand Richard Cauchi riedu jiġu ppreżentati lill-uffiċju ta' Eko-Għawdex sa tmiem din il-ġimgħa biex ikunu jistgħu jsiru l-ħlasijiet minn naħa tagħhom.

Il-membri qablu unanimament li għandhom isiru dawn il-pagamenti.

Il-Laqħa ġiet fi tmiemha fit-8.18a.m.

Il-Minuti ta' din il-Laqgħa ġew ippreparati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras, u ppreżentati fil-Laqgħa tal-Kunsill tat-Tlieta 6 ta' Marzu 2012 mis-Sur


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555
Email:Fontana.lc@gov.mt

Joseph Farrugia, Aġent Segretarju Eżekuttiv peress li ma setgħux jiġu approvati qabel jiġu approvati l-aħħar tlett laqgħat tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Karl Vella.

Joseph FarrugiaJoe Xiberras__________________________ Saviour Borg
Aġent Segretarju Ezekuttiv Sindku


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555
Email:Fontana.lc@gov.mt